MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2003

Jimmy Magro
vs
Chairman, Korporazzjoni Maltija ta' l-Izvilupp u b'digriet tat-2 ta' Frar 2000 giet korretta ghal Chairman Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-31 ta' Jannar 1988, huwa sofra ingustizzja billi f' dan il-perjodu kollu :

a. thalla kontinwament bla xoghol;
b. gie mnezza minn kull responsabilita` ezekuttiva, amministrattiva u/jew organizzattiva li kellu;

c. tnehhew il-persuni kollha li kienu impjegati taht ir-responsabilita` tieghu;

d. l-ghamara ta’ l-ufficju tieghu gie mehud mic-Chairman Michael Soler;

e. l-ufficcju li kien qed juza’ nghata lil haddiehor bil-konsegwenza li nghata ufficcju li kien jintuza bhala store;

f. twaqqfitlu kull korrrispondenza li kienet indirizzata lilu;

g. gie irtirat l-approvazzjoni li kellu dwar Salzburg Scholarship li kien approvat mic-Chairman ta' qabel;

h. tnehha minn kull bord tad-diretturi li kien jokkupa;

i. thalla ghall-istess perjodu minghajr ebda direzzjoni dwar ir-responsabbilita` tieghu.

Illi konsegwenza ta' dan kollu msemmi r-rikorrent sofra hsara kbira mentali u psikologika li sahansitra wassal sabiex ir-rikorrent kellu jiddahhal l-isptar wara dipressjoni kbira li sofra f' Gunju 1987;

Illi konsegwenza ta' dan kollu wassal sabiex ir-rikorrent ikun umiljat quddiem l-istess haddiema li kellu taht id-direzzjoni tieghu, li hafna minnhom kienu studenti u li nghataw tahrig mill-istess rikorrent;

Illi fil-perjodu msemmi, saret kampanja organizzata mit-tmexxija l-gdida tal-MDC sabiex ir-rikorrent jigi mwarrab minn kull responsabbilita` li kellu fl-impjieg tieghu mal-MDC;

Wara li r-rikorrent baqa' bla ebda risposta dwar il-futur tieghu huwa kellu jirrizenja mill-impjieg tieghu u dan ghamlu b' danni kbar finanzjarji;

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi:

a. jinghata kumpens finanzjarju li jigi kalkulat fuq il-bazi tad-dhul dikjarat mir-rikorrent bejn is-sena 1987 u s-sena 1995 u dak id-dhul li kien intitolat ghalih ir-rikorrrent kieku ma kienx imgieghel jirrezenja mill-post tax-xoghol tieghu.
b. illi r-rikorrent ikollu d-dritt li jkun re-instated fl-imjieg mal-MDC f' kariga li tkun ekwivalenti ghal dik li llum kien igawdi r-rikorrent li kieku huwa baqa` fil-kariga fl-1988.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata Malta Development Corporation li eccepiet:

1. Fl-ewwel lok il-korporazzjoni intimata eccepiet in-nullita` tar-rikors stante li isem l-Korporazzjoni intimata gie iccitat hazin.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni intimata eccepiet in-nullita` tat-talbiet tar-rikorent stante li l-ilment principali allegat mir-rikorrent, cioe` “rizenja sfurzata mill-impjieg" ma jinkwadrax ruhu fit-termini ta' artikolu 6(1) ta' l-Att VIII ta' l-1997 li jirregola l-ilmenti li dan it-Tribunal ghandu s-setgha li jisma' u jiddelibera dwarhom. Il-ligi tithaddet car li dan it-Tribunal ghandu s-setgha li jisma` biss ilmenti dwar “hatriet", “trasferimenti", “promozzjonijiet" u “dhul fl-impjieg" u mhux kazijiet ta' “constructive dismissal" bhal ma hija allegazzjoni ta' “rizenja sfurzata mill-impjieg" li qed jaghmel ir-rikorrent.

3. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent bla ebda mod ma kien ikkawtela jew irriserva l-pozizzjoni legali tieghu *in tempo vergine* u cioe` meta graw il-fatti allegati li dwarhom qed jilmenta llum. Fil-*personal file* tar-rikorrent ma nstabet l-ebda korrispondenza tar-rikorrent li tirregistra fiz-zmien li kien ghadu impjegat, l-allegazzjonijiet ta' fatt li saru mir-rikorrent fir-rikors tieghu. Illi inoltre kwantu ghall-

allegazzjonijiet ta' fatt li saru mir-rikorrent fir-rikors tieghu, il-Korporazzjoni intimata talbet li jigu mharrka bhala xhieda kull minn seta' kellu x' jaqsam ma' dan il-kaz sabiex dan it-Tribunal ikollu kwadru kemm jista' jkun komplet biex ikun fl-ahjar pozizzjoni li jistabbilixxi l-fatti.

4. Illi l-ilment tar-rikorrent huwa infundat fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent ma garrab ebda ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew li nghatat bi hsara ghalih fuq xi wahda mill-materji elenkati fis-subartikolu (1) tal-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Korporazzjoni intimata issottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit u fih semma li kien dahal fil-Korporazzjoni ghall-Izvilupp bhala Accounts Officer wara sejha ghall-applikazzjoni u wara intervista. Semma li wara l-1982 kien gie mahtur Managers' Assistant b'doveri li jassisti l-General Manager tal-MDC. Semma li kellu diversi kumpaniji fejn il-Gvern kellu sehem. Kien Direttur f'diversi Kumpaniji u kien ukoll jifforma parti minn diversi delegazzjonijiet dwar investiment u kummerc. Qal li kien igawdi l-fiducja tas-superjuri tieghu u ghalhekk kien anke jharreg u jissorvelja studenti haddiema. Qal li f'Novembru 1986 kien gie inkarigat sabiex iwaqqaf zewg istituzzjonijiet godda, in-National Export Promotion Organisation u l-Council for the Promotion of Industry. Zied ighid li matul il-perjodu li dam jahdem l-M.D.C., bejn

l-1976 u l-1987 qatt ma kellu rapporti negattivi. Qal li fil-bidu l-kuntratt tieghu kien wiehed definit, pero` wara kien sar kuntratt indefinit. Qal ukoll li wara Mejju 1987 beda jbati minn ingustizzja minhabba l-bidla fil-Gvern fejn hu thalla minghajr xoghol u l-Manager il-gdid (Alex Agius Cesareo) li kien gie mahtur minfloku kien ammetta li nghata ordni stretta biex ma jinghatalux xoghol. Il-persuni kollha li kienu impjegati taht ir-responsabbilta` tieghu (xi 18-il persuna) tnehhew. Zied ighid li hadulu l-ghamara mill-ufficcju u anke l-ufficju, u minflok tqieghed f'post iehor li kien jintuza bhala store. Qal li anke l-korrispondenza indirizzata lilu twaqqfet. Gie mnehhi minn kull bord tad-Diretturi li kien jokkupa. Qal li hu beda jsofri anki psikologikament, tant li kienet qabditu dipressjoni li wasslitu li kellu jidhol l-isptar wara li kien hassu hazin waqt il-hin tax-xoghol u anke fuq parir mediku kien gie kostrett jitlaq mill-M.D.C.

In kontro-ezami qal li l-karigi li kien jokkupa ma kienux ta' natura politika u kien ikun hemm nies anke ta' kulur tal-Gvern stess. Qal ukoll li s-seminar li kien mar f'Salzburg fuq entrepreneurship, li kien propju fil-linja tieghu kien spicca biex ha leave minn tieghu biex mar. Qal li l-karozza li kien juza mal-M.D.C. kienet propjeta` ta' wahda mill-Kumpaniji li taghha kien Chairman hu, u l-M.D.C. kienet thallas il-petrol u r-running expenses. Zied ighid li n-NEPO u s-CPI bdew fl-1986 u damu sa Mejju 1987. Qal li meta rrizenja minn mal-M.D.C. ma kellu ebda impjieg iehor mas-settur privat izda kellu jfittex xoghol iehor.

Xehed Dr George Cassar li kien konsulent legali mal-M.D.C. Qal li lir-rikorrent jiftakru involut sewwa fl-M.D.C. u ddeskriva lir-rikorrent bhala bniedem intelligenti, umli, rett u onest.

Xehed Maurice Galea li kien mal-M.D.C. mill-1969 sal-1992 u spicca fil-kariga ta' Deputy General Manager. Qal li r-rikorrent ma kellux xoghol specifiku izda kienu jqabbduh diversi xogholijiet minn zmien ghal zmien. Qal li r-rikorrent kien jiehu hsieb il-parti tal-'accounting' u hu kien jiehu hsieb il-parti teknika. Qal li qatt ma kellu ilmenti fil-

konfront tar-rikorrent. Zied ighid li wara l-elezzjoni tal-1987 kien lahaq Chairman gdid, Michael Soler, u wara dan hafna impjegati qodma bdew jigu mwarrba u bdew jidhlu nies godda u r-rikorrent kien wiehed minn dawk li beda jigi mwarrab.

Xehed il-Professur Louis Buhagiar li qal fit-18 ta' Gunju 1987 waqt li r-rikorrent kien f'xi meeting kien intilef minn sensieh u spicca l-isptar. Kien irrizulta li tatu accessjoni. Qal ukoll li r-rikorrent kien ikkonsultah qabel dan l-incident ghax kien qed jitlef mill-piz. Qal li l-unika raguni li kien sab ghal dan kienet tensjoni kbira fuq ix-xoghol.

Xehdet Mary Cauchi Personnel Manager mal-MDC li qalet li r-rikorrent dahal mal-MDC fis-7 ta' Lulju 1980 bhala accountant. Semmiet li r-rikorrent kien applika ghall-post ta' Senior Head Export Promotion Division f'Lulju 1987 u ma giex accettat. Minflok kien appuntat Alex Agius Cesario. Qalet li hu kien applika ukoll ghal Manager Projects Division u r-rikorrent gie notifikat b'ittra li ma kellux bizzejjed kwalifiki fl-accountancy. Qalet li r-rikorrent spicca minn mal-MDC permezz ta' resignation. Spjegat ukoll li mill-file ma jirrizulta xejn dwar tibdil fil-mansjonijiet tar-rikorrent wara l-1987, ghalfejn spiccawlu n-nies ta' tahtu, u ghala spiccawlu d-direttorjati. Ikkonfermat li wara l-1987 veru li kien hemm hafna movimenti fis-sens li diversi nies ilmentaw li kien sarilhom bdil fix-xoghol, tnehhewlhom id-desks u affarijiet ohra u li dan kien qieghed isir minhabba l-kulur politiku taghhom.

Xehed Michael Soler li kien Chairman tal-MDC bejn Gunju 1987 u Gunju 1990. Qal li fl-1987 l-MDC nbidlilha r-rwol jigifieri li minn Export Promotion issir Investment Promotion Agency. Spjega li konsegwentement kien hemm nies li ma kellhomx xoghol ghalihom u ma jeskludix li s-Sur Magro kien wiehed minnhom. Qal ukoll li fir-rigward tal-ghamara fl-ufficju tac-Chairman jaf li kienu uzati qabel min-nies tal-MDC izda ma jafx kienux tas-Sur Magro jew le. Semma li dwar l-scholarship ta' Salzburg ma jiftakar xejn u ma jafx li r-rikorrent kien kellmu fuq hekk. Qal ukoll li ma jeskludix li r-rikorrent tnehha minn kull bord tad-Diretturi peress li kienet il-Governement

Policy li jbiddel numru ta' Diretturi. Qal li ma jiftakarx li kellem lir-rikorrent fl-1988 izda jekk kellmu qallu dak li qal lil diversi ohrajn li dawk li ma kienux jidhlu fl-investment promotion plans tal-MDC, li jekk jistghu isibu secondment ma' Dipartiment tal-Gvern kien ikun ahjar ghalihom.

Qal li jiftakar li r-rikorrent eventwalment irrizenja. Ix-xhud ikkonferma li kellu kuntatti tajba fil-partit nazzjonalista, u kien jaf li Jimmy Magro kien maghruf bhala laburist, u cahad li kien jaf li dawk li ntbaghatu South Street, kollha kellhom profil laburist. Fir-rigward tad-Diretturi li kienu fuq Kumpaniji tas-settur parastatali nbidlu bhala Governement policy li jbiddel numru ta' nies peress li riedu 'fresh blood' immexxi l-kumpaniji.

Xehed Benny Vidal li fl-1987 kien jahdem mal-MDC u kien gie promoss ghal Head I. Qal li meta kien Head I il-Kap tieghu kien Patrick Dato Mallia. Qal li r-rikorrent kien Segretarju ta' unit li kien ghadu kif twaqqaf gdid, u meta nbidel il-Gvern dan il-unit ma baqax jiffunzjona. Ghalhekk l-ghamara giet trasferita. Semma li qabel l-1987 ir-rikorrent kellu diversi directorships fosthom il-Malta Shipbuilding u ohrajn. Qal li kien hemm ohrajn minbarra s-Sur Magro li tnehhew jew irrinunzjaw minn Diretturi, wara l-elezzjoni generali. Semma li darba sema' lir-rikorrent ighid, "xi dwejjaq kelli x'naghmel hafna u m'ghandix x'naghmel." Meta gie mistoqsi dwar taqlib li kien sar wara l-elezzjoni qal li jiftakar li nies ta' certu kulur politiku kienu ntbaghtu f'South Street, il-Belt. Qal ukoll li r-rikorrent kien ghadu Middle Sea House u baqa' hemm sakemm irrizenja.

Xehed Alex Agius Cesareo li kien l-MDC fl-1988 u gie ngaggat bhala Manager ta' l-Export Promotion Division. Qal li Michael Soler kien ic-Chairman dak iz-zmien u John Grech kien id-Deputy Chairman. Qal li meta dahal l-MDC inghata ufficcju izda ma jafx kienx ta' Jimmy Magro. Qal ukoll li kien gie inkarigat mill-Export Promotion Division imma ma kienx jaf li qabel kien qed imexxiha Magro. Qal li hu ma kellux relazzjoni hazina mas-Sur Magro u li darba tah bicca xoghol u wettaqha.

Xehed Patrick Dato Mallia li qal li dahal jahdem mal-MDC bhala Financial Controller u fl-1982 sar Senior Head. Qal li fl-1987, fl-1988 ir-rikorrent kien jahdem l-MDC u kien qisu Chief Executive. Qal li r-rikorrent dam minn sena u nofs sa sentejn wara l-elezzjoni. Zied ighid li kienet fid-diskrezzjoni tac-Chairman lil min jappunta. Semma li hu qatt ma sema' kummenti negattivi dwar is-Sur Magro. Qal ukoll li dwar l-Export Promotion, tbiddlet il-policy, izda x'aktarx mhux fi zmienu. Qal li kien ic-Chairman is-Sur Soler dak iz-zmien li ha d-decizjoni li l-kamra tas-Sur Magro tinbidel. Zied ighid li hu u r-rikorrent gieli tkellmu bejniethom li kien qed inaqqsulhom ix-xoghol u din lis-Sur Magro kienet qed taffettwah psikologikament.

John C. Grechipprezenta affidavit u qal li kien Deputy Chairman tal-MDC bejn l-1987 u l-1988 responsabbli ghall-Export Promotion Division. Qal li Magro kien jaghmel parti minn din id-division u kellu ufficcju fil-Middle Sea House, Floriana. Qal ukoll li darba kien talab lil Magro jaghmel rapport fuq il-mod kif id-Division kien jahdem u Magro kien ta dan ir-rapport. Qal li fl-istess zmien Magro kien qal li ma kienx jiflah u kien mar ghal check ups medici u ftit wara kien irrizenja mill-MDC. Ir-relazzjonijiet tax-xhud kienu normali – "mutual respect", u qatt ma kellu inkwiet mieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata dwar in-nullita` tar-rikors stante l-isem imnizzel hazin m' ghadhiex applikabbli wara l-korrezzjoni.

Fit-tieni lok il-Korporazzjoni intimata eccepiet li r-rizenja sfurzata mill-impjieg ma tinkwadrax ruhha fit-termini tal-Artikolu 6(1) tal-Att VIII tal-1997. Ghalhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnu fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999:
"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita` jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-Att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998…"

Raguni ohra ghaliex il-constructive dismissal gie meqjus bhala formanti parti mill-kompetenza tat-Tribunal hi li l-Artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jitkellem fuq allegazzjoni ta' tkeccija ingusta u hawn certament mhux il-kaz li wiehed iqis li saret tkeccija vera u propja hlief bil-metodu tal-constructive dismissal. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal diversi drabi irritjena li kazijiet ta' constructive dismissal jibqghu ta' kompetenza tat-Tribunal u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni.

Fit-tielet eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata gie sostnut li r-rikorrent b' ebda mod ma kkawtela jew irriserva l-pozizzjoni legali tieghu in tempo vergine u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni. Il-bqija tal-eccezzjonijiet jirrelataw ghall-mertu tal-kaz.

Issa r-rikorrent ilmenta li:

a. thalla kontinwament bla xoghol;

b. gie mnezza minn kull responsabilita` ezekuttiva, amministrattiva u/jew organizzattiva li kellu;

c. tnehhew il-persuni kollha li kienu impjegati taht ir-responsabilita` tieghu;

d. l-ghamara ta' l-ufficju tieghu gie mehud mic-Chairman Michael Soler;

e. l-ufficcju li kien qed juza nghata lil haddiehor bil-konsegwenza li inghata ufficcju li kien jintuza bhala store;

f. twaqqfitlu kull korrrispondenza li kienet indirizzata lilu;

g. gie irtirat l-approvazzjoni li kellu dwar Salzburg Scholarship li kien approvat mic-Chairman ta' qabel;

h. tnehha minn kull bord tad-diretturi li kien jokkupa;

i. thalla ghall-istess perjodu minghajr ebda direzzjoni dwar ir-responsabbilita` tieghu.

Issa rrizulta mid-depozizzjonijiet ta’ diversi xhieda li r-rikorrent verament thalla bla xoghol u tnehhietlu kull responsabbilta` ezekuttiva kif ukoll tnehhew il-persuni li kienu jahdmu tahtu. Irrizulta li minn ufficcju fejn kien jahdem spicca f’ kamra li precedentement kienet tintuza bhala store u ttehditlu anke l-ghamara, tnehha minn kull bord tad-diretturi li kien jokkupa. Dan kollu certament jammonta ghal ingustizzja.

Wiehed jista’ jqis ukoll li l-fatti in ezami jammontaw ukoll ghal speci ta’ trasferiment tad-doveri tar-rikorrent fis-sens li r-rikorrent li precedentement kien assenjat certu tip ta’ xoghol prattikament ma gie assenjat xejn xoghol, li hija trasferiment minn sezzjoni ghal “ebda sezzjoni”, haga li certament it-Tribunal jikkundanna ghax mhux sewwa kemm ghall-istess rikorrent, kif ukoll ghall-poplu li jhallas it-taxxi ghall-paga tal-impjegati. Dan kollu fil-fehma tat-Tribunal jammonta ghal ingustizzja kif definita fil-Kap 394. Fit-talbiet tieghu r-rikorrent talab kumpens finanzjarju oltre li jkollu dritt li jkun re-instated fl-impjieg tieghu mal-MDC. Fil-fehma tat-Tribunal ir-re-instatement mhix haga li fic-cirkostanzi tal-kaz hi applikabbli wara tant snin u meta ma giex ippruvat li r-rikorrent zamm ruhu aggornat ma’ xoghol tal-istess natura li jsir fl-MDC u ghalhekk dik it-talba qeghda tigi michuda.

Peress li ghalhekk isib il-bqija tal-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ erbat elef lira [LM4000].

Spejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------